MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 342/2009

Wara l-Atti ta’ l-ittra ufficjali
tas-26 ta’ Marzu, 2009
Noel Falzon, karta ta’ l-identita’ numru 68559M
kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’
Liberty Bakery Limited, C-15202
Vs
Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, id-Direttur tas-
Sigurta’ Socjali u ghal kull interess li jista’
jkollu l-Avukat Generali

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Noel Falzon proprio et nomine illi sar wara l-atti ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Marzu 2006 fl-ismijiet Noel Falzon kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Liberty Bakery Limited C-15202 kontra il-Kummissarju tat-Taxxi Interni et illi permezz tieghu talab lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi illi a tenur tal-Artikolu 116 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta’ Malta l-ittra ufficjali tas-26

ta’ Marzu 2009 fl-ismijiet premessi ma tikkostitwix titolu ezekuttiv.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, tad-Direttur tas-Sigurta Socjali u ta’ l-Avukat Generali illi permezz taghha talbu lill-Qorti sabiex jogghobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent proprio et nomine bhala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Noel Mangion rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi qal illi ir-rikorrenti odjern kien gie interpellat personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Liberty Bakery Limited sabiex ihallas l-ammont ta’ mija u sbatax il-elf erbgha mija u ghaxar ewro (€117,410) rapprezentanti il-pendenzi f’taxxa ta’ l-FSS u taxxa addizzjonali FSS u kontribuzzjonijiet addizzjonali tas-Sigurta Socjali sad-data ta’ l-Avviz ta’ Nuqqas ta’ Tharis ghas-snin 1999 sal-2007 u qal li dan l-ammont ghadu dovut sallum. Huwa xehed illi d-dipartiment interpella lil Noel Falzon biex ihallas diversi drabi, fosthom fit-3 ta’ Novembru 2008 meta id-dipartiment hareg avviz ta’ Nuqqas ta’ Tharis ta’ Taxxa fejn ir-rikorrenti odjern gie interpellat ihallas l-ammonti minnu dovuti, izda Noel Falzon baqa ma hallasx. Sussegwentement fit-12 ta’ Jannar 2009 id-dipartiment ipproceda bil-hrug ta’ Avviz ta’ Talba ghal Hlas ta’ Taxxa ta’ l-FSS u Sigurta Socjali, izda Noel Falzon baqa ma hallasx u ghalhekk id-dipartiment ma kellux triq ohra hlief li jipprocedi bil-hrug ta’ ittra ufficjali fis-26 ta’ Marzu 2009, u dan skond ir-Regola 24 tar-Regoli dwar il-Final Settlement System u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kif ukoll l-Artikolu 116 tal-Kap. 318. Noel Mangion kompla jixhed illi minn verifiki li saru mad-dipartiment irrizulta li ma kienitx l-ewwel darba li Noel Falzon personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Liberty Bakery Limited kien gie interpellat ihallas b’ittra ufficjali biex ihallas il-pendenzi ta’ l-FSS u tas-Sigurta Socjali. Huwa xehed ukoll illi din l-ittra ufficjali qatt ma giet ikkontestata u isegwi ghalhekk illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni illum ghandu titolu

ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti odjern ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 u l-ammonti ghal dawn is-snin ma jistghux aktar jigu ikkontestati. Huwa xehed ukoll illi l-ammonti mitluba minn Noel Falzon m'huma xejn ghajr ammonti li huwa stess iddikjara li huma dovuti lid-dipartiment u huma ibbazati fuq id-dikjarazzjonijiet tal-kumpanija C-15202 Liberty Bakery Limited permezz tal-formoli tal-FS7 tas-snin in kwistjoni. Noel Mangion xehed ukoll li dan l-ammont jinqasam bejn taxxa imhallsa mill-impjegati FSS u ammont ta' Sigurta Socjali (SSC).

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti qieghed jaghmel it-talba tieghu permezz tar-rikors promotur fejn a tenur ta' l-Artikolu 116 tal-Kap. 318 qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 2009 ma tikkostitwix titolu ezekuttiv.

Illi a fol. 48 tal-process hemm esebita l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2007 li tirrigwarda is-snin bazi 1987 sas-sena 2005 li giet notifikata lir-rikorrenti odjern fl-14 ta' Gunju 2007 kif jirrizulta minn fol. 49 tal-process.

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ma ha l-ebda passi biex jimpunja tali ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2007 u ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu titolu esekuttiv kontra r-rikorrenit ghas-snin bazi 1997 sas-sena 2005.

Illi fir-rigward ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 2008, mertu tar-rikors odjern li tirrigwarda perjodu 1999 sas-sena 2007, il-Qorti rat illi is-somma ta' sitt mija u sittax il-ewro (€616) hija a baza tal-Avviz legali 88/98 u l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372) u illi is-somma ta' tlieta u sebghin elf hames mija u tmien ewro (€ 73,508) hija a bazi tal-Artikolu 116 tal-Kap 318. Is-somma ta' mitejn hamsa u tmenin ewro (€ 285) hija ai termini tar-regola 24 tar-Regoli tal-1998 dwar il-Final Settlement System u ai termini tal-Kap 372 u is-somma ta' tlieta u erbghin elf u ewro (€43,001) ai termini ta' l-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-Qorti issa ser tikkunsidra id-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 u ta' l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Kap. 372.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwardja il-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88/98, il-Qorti rat illi ir-rikors odjern gie intavolat ai termini ta' l-Artikolu 116(2) tal-Kap 318 u ghalhekk l-Qorti trid tara biss din il-ligi. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni a fol 13 ta' dan il-process tirrigwada biss l-ammonti dovuti skond it-taxxa, u cioe l-ammonti ta' sitt mija u sittax il-ewro (€616) u ta' mitejn u hamsa u tmenin ewro (€285) u il-Qorti ser tilqa din l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni peress illi ir-rikorrenti odjern ma adottax il-procedura idoneja skond r-Regolament 24 tar-Regoli dwar Final Settlement System.

Illi, inoltre, il-Qorti rat illi ai termini tal-Artikolu 23(7) tal-Kap. 372 r-rikorrenti kellu hmistax-il gurnata biss minn mindu jircievi l-ittra ufficjali biex jintavola appell rigward hlas ta' taxxa ai termini tal-Kap. 372 u ghaxart ijiem ai termini ta' l-Artikolu 116 tal-Kap. 318 dwar il-hlas ta' bolla.

Illi l-procedura li adotta r-rikorrenti odjern hija dik ta' rikors u mhux ta' appell kif trid il-ligi.

Illi l-Artikolu 35 tal-Kap. 372 jaghti l-opportunita lil min ma jaqbilx mal-ammonti kontenuti fl-istimi sabiex jaghmel oggezzjoni quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u sussegwentement, jekk jidhirlu mehtieg, appell quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, u il-Kap 372 jitkellem car dwar il-konsegwenzi f'kaz li persuna tonqos milli ssegwi l-procedura stipulata.

Effettivament l-Artikolu 38 jghid hekk :
"Meta ebda oggezzjoni valida jew appell ma jkunu gew imressqin fiz-zmien stabbilit f'din it-Taqsima kontra stima dwar l-ammont ta' income taxxabbli stabbilit b'dik l-istima, … l-istima kif maghmula jew miftehma jew deciza f'appell, skond il-kaz, tkun finali u konklusiva ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att dwar l-ammont ta' dak l-income taxxabbli jew

rebate ta' taxxa." Il-Qorti rat f'dan ir-rigward is-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet Alfred Baldacchino pro et noe vs Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi il-ligijiet ta' natura fiskali ma jistghux ikun hemm xejn "implicitu" izda irid jirrizulta preciz mill-provedimenti tal-ligi. Hekk qalet il-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fis-sentenza li tat fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd.

Il-Qorti irriteniet ukoll illi :

"La interpretazione delle leggi fiscali anche nel dubbio dev'essere quella letterale e non necessariament quella piu benigna al contribuente, ne' possono semple le leggi tributarie interpretarsi colle regole di diritto comunen". (Kollez Vol XXVIII pI p523).

Illi meta d-disposizzjoni tal-ligi specjali hi cara jew l-Qorti tkun tal-fehma li dik id-disposizzjoni ghandha jkollha certa interpretazzjoni, l-Qorti ma tistax tiddiklina milli tapplikaha ghalkemm jista jkun jidher li hemm jew li jista jkun hemm konflitt mal-ordinament taht il-ligi generali (AB vs Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Nterni (Kaz numru 63) Appell 20 ta' Awissu 1967).

Ikkunsidrat :

Illi fil-kawza fl-ismijiet Sundry Limited gia maghrufa bhala Muscat Servicing Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' April 2006, l-Qorti kkonfermat li l-proceduri huma dawk skond r-Regolament 24 tar-Regoli dwar il-Final Settlement System subregoli (1) u (4) u kwindi l-kontestazzjoni kellha ssir fi zmien hmistax-il gurnata min-notifka tal-ittra .

Illi ai termini tal-artikolu 23(7) tal-Kap.372 r-rikorrenti ghandu hmistax-il gurnata biss minn mindu irceva l-ittra ufficjali sabiex jintavola appell rigward hlas ta' taxxa ai termini tal-Kap. 372 u ghaxart ijiem skond l-artikolu 116 tal-Kap.318 ghar-rigward hlas ta' bolla.

Illi l-appell isir lil Bord ta' Kummissarji Specjali, haga li r-rikorrenti ma ghamilx.

Il-Qorti ghalhekk tara illi l-eccezzjoni tad-direttur tas-sigurta socjali ghar-rigward t-talbiet ai termini tal-Kap 372 ghandha tintlaqa.

Ikkunsidrat :

Illi l-eccezzjoni tad-direttur tas-sigurta socjali ai termini tal-artikolu 116 Kap 318 ghandha tigi michuda stante li r-rikors kellu jsir ai termini tal-istess ligi kontra l-istess direttur.
Illi l-ittra ufficjali mertu ta ‘ dawn il-proceduri hija dwar il-Kap 318 ukoll u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab li jithallas dawn l-ammonti :
(a) Is-somma ta' Ewro 73508 hija a bazi tal-artikolu 116 tal-kap 318 dwar is-Sigurta Socjali.

(b) Ewro 43001 dwar il-Kap 318 art 116(1)(b) tas-sigurta Socjali,

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-appell skond l-artikolu l-artikolu 116(2) tal-Kap 318 sar fit-termini li trid il-ligi, u cioe fi zmien ghaxart ijiem, stante li r-rikorrenti gie notifikat izda r-riferta tal-marixxal turi id-data tat-3 ta' April, 2009 u ghalhekk il-Qorti tiehu din id-data bhala d-data li gie notifikat ir-rikorrenti tenut kont li r-rikors sar fis-7 ta' April 2009.

Il-Qorti rat ghalhekk illi l-intimati ppruvaw il-kaz taghhom permezz tal-provi u dokumenti a fol 19 sa 38, liema provi ma gewx kontraddetti mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billli <u>tichad</u> tichad it-talba. Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------